**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 264/02**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**

**vs**

**John Galea ta' 50 sena, iben il-mejjet**
**Anthony u Concetta nee Genovese, mwieled**
**Qormi fil-21 ta' Settembru, 1951 u residenti**
**Paloma, Marsascala Bypass, Zabbar, detentur**
**tal-karta ta' l-identita' numru 792751(M).**

**Illum 26 ta' April, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Galea li gie akkuzat talli f'Haz-Zebbug, f'Lulju, 2001 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli:

Ikkommetta diversi serqiet ta' ammonti ta' flus li ma jeccedux il-mitt lira (Lm100) Maltin pero' li kumplessivament jammontaw ghal aktar minn elf lira (Lm 1000) Maltin, mill-fond 'Marom', Triq il-Mithna, Zebbug, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Mario Bonello.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet l-Ammissjoni ta' l-imputat. In vista ta' l-istess u wara li rat l-artikolu 261, 268, 281, 17 u 18 tal-Kap 9. Rat li l-imputat iddikjara li radd ir-res furtiva. Rat l-Artiklu 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.